# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2019**

**Numru 18**

**Ċitazzjoni numru 880/98 SM**

**Phyllis *sive* Pina Abela u Josie Abela, miżżewġin flimkien**

**v.**

**Dr. Mario Tabone u, għal kull interess li jista' jkollha, Josephine Tabone mart l-istess Dr. Mario Tabone**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi miżżewġin Abela minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin miżżewġin Tabone u ħelset lill-intimata Josephine Tabone mill-ħarsien tal-ġudizzju, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari li l-kawża waqgħet bil-

preskrizzjoni, laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħrajn fil-mertu u ċaħdet it-talbiet attriċi kollha, u ordnat li l-intimati miżżewġin Tabone jħallsu parti minn għaxra ($^{1}/_{10}$) tal-ispejjeż tal-kawża, filwaqt li l-atturi jbatu d-disgħa minn għaxra ($^{9}/_{10}$) l-oħrajn tal-imsemmija spejjeż;

2. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat:*
>
> *"19.0. Illi l-fatti li jirrizultaw jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:*
>
> *"19.1. Illi fiz-17 ta' Mejju, 1994, il-konvenut kirurgu oftalmiku ghamel operazzjoni fuq l-attrici fil-klinika "Blue Cross", H'Attard, biex inehhila l-katarretti minn ghajnejha x-xellugija, (ara foll 34 u 128);*
>
> *"19.2. Illi sussegwentement ippresta wkoll diversi servizzi professjonali lill-istess attrici in konnessjoni mal-istess operazzjoni, (ara foll 10);*
>
> *"19.3. Illi l-attrici ssosstni li hi tilfet id-dawl minn ghajnejha x-xellugija wara li din giet operata mill-konvenut Tabone, u dan, in konsegwenza ta' imperizja, negligenza, traskuragini u ta' nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni da parti tal-konvenut,(ara foll 1 a tergo);*
>
> *"19.4. Illi rizultat tal-istess sofriet danni ohra, telf ta' qliegh, u spejjez ohra, (ara foll 1 a tergo);*
>
> *"19.5. Illi konsegwenza tal-istess qed titlob li jigu likwidati d-danni minnha sofferti;*
>
> *"19.6. Illi l-konvenuti sintetikament isosstnu s-segwenti:*
>
> *"19.6.1. Illi l-konvenuta Josephine Tabone giet imharrka inutilment;*
> .
> *"19.6.2. Illi l-azzjoni intrapriza mill-atturi hi preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *"19.6.3. Illi l-konvenut Tabone mhux responsabbli ghas-sitwazzjoni li zviluppat f'ghajnejn l-attrici stante li l-operazzjoni tal-katarretti f'ghajnejn ix-xellugija tal-attrici "irnexxiet teknikament", (ara foll 10);*

*"19.6.4. Illi l-kawza tas-sitwazzjoni li zviluppat f'ghajnejn l-attrici kienet rizultat t' "infezzjoni accidentali", (ara foll 10);*

*"19.7. Illi qabel l-operazzjoni in dizamina l-attrici kienet tikkonsulta lil Dr. Soler u Dr. Fenech, (ara foll 34);*

*"19.8. Illi l-konvenut Tabone kien ta parir lill-attrici li l-problemi li kellha setghu jigu superati jekk taghmel l-operazzjoni tal-katarretti;*

*"19.9. Illi fuq istigazzjoni tal-attur, l-attrici accettat is-suggeriment tal-konvenut de quo;*

*"19.10. Illi l-operazzjoni irnexxiet, (ara foll 10 u 35);*

*"19.11. Illi minhabba li giet ukoll sussegwentement dijanjostikata problema f'qalb l-attrici, din inghatat parir biex tmur l-isptar, (ara foll 35);*

*"19.12. Illi madwar jumejn (2) wara l-operazzjoni in dizamina giet somministrata injezzjoni subkonguntivali fuq l-attrici u ghajnejn l-attrici saret hamra, (ara foll 35);*

*"19.13. Illi l-attrici giet mibghuta l-"Opthalmic Ward", (ara foll 10 u 35);*

*"19.14. Illi l-ghajn ix-xellugija kolpita baqghet tiddeterjora sakemm, wara li kien jidher li tjiebet ftit regghet bdiet tiddeterjora sakemm intilfet il-vista, (ara foll 10);*

*"Ikkunsidrat:*

***"A. Il-Posizzjoni tal-intimata Josephine Tabone:***

*"20.0. Illi rigward l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti li Josephine Tabone giet imharrka inutilment jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"20.1. Illi ghandu jkun pacifiku li tenut kont tal-fatti anke kif fuq sintetikament esposti, l-konvenuta in dizamina tirrizulta kompletament estranea ghall-akkadut;*

*"20.2. Illi bl-ebda mod ma jirrizulta li jezisti xi ness fattwali bejn l-imsemmija konvenuta u l-attrici;*

*"20.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1322 (1) tal-Kap 16 fuq riferit li jistabbilixxi s-segwenti:*

> *"L-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga";*

*"20.4. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili**, fl-ismijiet **Joseph Attard et vs. Ray Avallone**, datata l-**24 ta' Mejju, 2011**, li rriteniet:*

> "*Illi huwa maghruf u accettat li l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja bejn il-mizzewgin huma dawk li l-ligi espressament u tassattivament issemmi. Dawn l-ghemejjel kollha jitolbu s-sehem flimkien tal-mizzewgin. Ghalhekk, il-jedd li wiehed iharrek jew li jkun imharrek dwar l-imsemmija atti jghodd biss ghal dawk l-ghemejjel u mhux ghal ohrajn. Fejn il-ligi riedet taghzel, ghazlet. It-tifsira u t-thaddim ta' dawk id-dispozizzjonijiet specjali ghandha tkun wahda restrittiva ...";*

*"20.5. Illi anke minn ezami tal-artiklu 1322(3) tal-istess Kap 16, l-azzjoni odjerna ma tirrizultax li hi klassifikata bhala riflessjoni ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja;*

*"20.6. Illi kwalunkwe att li mhux specifikament inkluz fl-artiklu 1322(2) u (3) in dizamina, ghandu ghalhekk jitqies li hu att ta' amministrazzjoni ordinarja;*

*"20.7. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li dan il-gudizzju kien ikun shih anke jekk il-konvenuta ma gietx imharrka;*

*"20.8. Illi dan qieghed jigi ribadit ghaliex mhux mehtieg is-sehem tal-konjugi flimkien f'azzjoni ta' din ix-xorta;*

*"20.9. Illi hu minnu li skont l-artiklu 1327(f) tal-Kap 16 de quo li:*

> *"kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda"*
>
> *"hu dejn li jmur fuq il-komunjoni tal-akkwisti;*

*"20.10. Illi nonostante dan, il-konvenuta Josephine Tabone ma kelliex ghalfejn tigi mharrka stante li din il-procedura setghet tigi validament indirizzata biss fil-konfront tal-konvenut Dr. Mario Tabone;*

*"20.11. Illi in vista tal-premess din l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi akkolta;*

*"Ikkunsidrat:*

*"**B. Il-Preskrizzjoni sollevata mill-Konvenuti:***

*"21.0. Illi rigward it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili jinghad sintetikament is-segwenti:*
*"21.1. Illi:"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";*

*"21.2. Illi l-operazzjoni li minnha tilmenta l-attrici kienet ezegwita fiz-17 ta' Mejju, 1994, (ara foll 1 a tergo);*

*"21.3. Illi jirrizulta li l-kawza odjerna kienet istitwita fid-29 t'April, 1998, (ara foll 1);*

*"21.4. Illi jigi osservat li l-atturi ipprezentaw tliet (3) ittri ufficjali rispettivament datati 7 ta' Mejju, 1996, 26 ta' Marzu, 1998, u t-23 t'April, 1998, (ara foll 1 a tergo);*

*"21.5. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li bl-atti ufficjali in dizamina indirizzati fil-konfront tal-konvenut Tabone, jirrizulta li l-perjodu preskrittiv in dizamina fuq riferit gie interrott, (ara foll 171);*

*"21.6. Illi kif stipulat fl-artiklu 2131 tal-Kodici Civili:*

> *"Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba";*

*"21.7. Illi in vista tal-premess jirrizulta li l-procedura in dizamina ġiet effettivament ipprezentata entro t-terminu preskrittiv stabbilit mill-ligi;*
*"21.8. Illi konsegwentement, din it-talba rigwardanti l-preskrizzjoni sollelvata mill-konvenuti ghandha tigi respinta;*

*"Ikkunsidrat:*

***"C. Il-Mertu:***

*"22.0. Illi fir-rigward tal-mertu sollevat mill-atturi jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"22.1. Illi in sintesi, din hi kawza rigwardanti t-traskuragni professjonali allegatament tal-konvenut;*

*"22.2. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Josephine Borg et vs. Dr Anthony Fiorini****, datata t-****18 ta' Lulju, 1994****, meta* ***l-Prim'Awla tal-Qorti Civili*** *giet biex tezamina r-responsabbilita` ta' tabib fil-kontest ta' kwazi delitt, tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet* ***Victor Savona vs. Dr. Peter Asphar*** *fejn gie hemm ukoll ritenut li tabib ikun responsabbli ghad-danni kemm-il darba, fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, ma jezercitax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus pater familias;*

*"22.3. Illi fil-kawza fl-ismijiet* ***Rose Gauci u zewgha Grezzju Gauci ghal kull interess li jista' jkollu vs. Mr Donald Felice****, datata l-****31 t'Ottubru, 2008****, il-****Qorti tal-Appell i****rriteniet is-segwenti:*

> *"Dwar il-grad ta' diligenza li professjonist bhat-tabib ghandu juza, il-gurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-*

*tabib grad gholi ta' diligenza, izda dik normali li wiehed jistenna minn professjonist tal-affari tieghu"*

*"22.4. Illi l-istess qorti kompliet hekk:*

*"Illi fil-kawza Ingliza* ***Bolam vs. Friern H.M.C. (1957 W.L.R. 582)*** *qalet: 'The test is the standard of the ordinary skilled man exercising and professing to have that special skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art'. Il-****Corte di Cassazione*** *tal-Italja, f'sentenza moghtija fit-18 ta' Ġunju, 1945, enunzjat l-istess principju meta qalet li: 'la diligenza che il professjonista deve porre nello svolgimento dell'attivita` professionale e` quella del professionista di preparazione e di diligenza media"*

*"22.5. Illi fis-sentenza taghha datata t-****22 ta' Frar, 1988****, l-istess* ***Corte di Cassazione*** *osservat pero`:*

*"Illi jista' jkun hemm responsabbilita` tat-tabib anki ghal culpa lieve meta: 'di fronte ad un caso ordinario, non abbia osservato, per inadegwatezza od incompletezza della preparazione professionale, ovvero per omissione della media diligenza, quelle regole precise che sono acquisite, per commune consenso e consolidata sperimentazione, alla scienza ed alla pratica, e, quindi, costituiscano il necessario corredo del professionista che si dedichi ad un determinato settore della medicina";*

*"Ikkunsidrat:*

*"23.0. Illi epurati l-principji rigwardanti r-responsabbilita` specifika ta' tabib fir-rigward tal-principji rigwardanti r-responsabbilita` in generali jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"23.1. Illi l-****Prim'Awla tal-Qorti Civili****, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Francis Busuttil vs. Sammy Meilaq nomine*** *datata d-****9 ta' Dicembru, 2002****, irriteniet is-segwenti:*

*"F'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita` ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-qorti ghalhekk jehtigilha tezamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruhhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok, irnexxilux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut nomine",*

*"Ikkunsidrat:*

*"24. Illi applikati l-principji fuq elenkati ghall-kawza in dizamina jinghad li dak li issa jrid jigi deciz hu effettivament jekk kienx hemm xi negligenza jew imprudenza fl-operat tal-konvenut Tabone li kkawza d-dannu rikjamat mill-attrici;*

*"25. Illi a skans ta' ripetizzjoni u ta' dilungar inutili, ssir referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-perit legali riprodotti fir-relazzjoni kongunta – senjatament il-paragrafi 179 sa 187 a foll 169 u 170 tal-process;*

*"26. Illi jigi sottolineat li din il-qorti taqbel mal-analizi u konkluzjonijiet tal-istess periti nominati f'din il-procedura, u taghmel taghha l-istess analizi u konkluzjonijiet taghhom;*

*"27. Illi in vista tal-istess analizi taghhom, l-imsemmija esperti ikkonkludew ir-relazzjoni kongunta taghhom bil-mod segwenti: (ara foll 172)*

> *"...illi ma kien hemm ebda negligenza jew traskuragni da parte tal-konvenut Dr. Mario Tabone fl-esercizzjoni, (recte ezercizzju), tal-professjoni tieghu u li l-infezzjoni illi soffriet l-attrici in segwitu ghall-intervent kirurgiku, u li kien il-kawza ghat-telf tal-vista tal-attrici, kien kaz fortuwitu, li fuqu l-konvenut Dr. Mario Tabone ma kellu ebda kontroll";*

*"28. Illi in vista tal-premess din il-qorti ghalhekk taghmel ukoll taghha l-konkluzjoni peritali riprodotta fil-paragrafu precendenti;*

*"29. Illi skont l-artiklu 1033 tal-Kap 16 fuq riferit jirrizulta li:*

> *"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";*

*"30. Illi f'dan ir-rigward, ir-regola generali stabbilita fl-artiklu 1031 tal-istess Kap 16 hi li:*

> *"...kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";*

*"31. Illi l-artiklu 1032(1) tal-istess Kap ikompli billi jistabbilixxi li:*

> *"Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal- familja";*

*"32. Illi pero` fit-terminu tal-artiklu 1032(2) tal-istess Kap:*

> *"Hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta' disposizzjni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza, jew ta' hsieb fi grad akbar";*

*"Ikkunsidrat:*

*"33. Illi ma jirrizultax li l-konvenut Tabone agixxa, b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fir-rigward tal-attrici;*

*"34. Illi ghalhekk din il-kawza ma jistax ikollha l-ezitu li l-atturi jindirizzawha lejh;*

*"Ikkunsidrat:*

*"35. Illi konsegwenza tal-istess it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"36.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-atturi ma ippruvawx il-kaz taghhom skont il-ligi*";.

3. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors li ressqu fl-20 ta' Marzu, 2017, u li bih u għar-raġunijet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tvarjaha billi "filwaqt li tikkonfermaha fejn laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati u fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti appellati, tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fil-bqija tagħha u konsegwentement prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuti appellati, tilqa' t-talbiet attriċi u, jew tirrimandi l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex jiġu likwidati d-danni pagabbli lill-attriċi jew altrimenti tillikwida d-danni din il-Qorti stess u tikkundanna lill-konvenut iħallas tali danni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat";

4. L-intimati (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") laqgħu għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-Risposta mressqa minnhom fis-6 ta' April, 2017, qalu li s-sentenza appellata kienet fl-assjem tagħha waħda ġusta u jistħoqqilha konferma bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti. Żiedu jgħidu li għalkemm iħossuhom aggravati b'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti għabbiethom bil-piż li jħallsu parti mill-ispejjeż tal-kawża, ma kinux qegħdin iressqu appell inċdentali minn dik il-parti tas-sentenza appellata, biex ma jiżdidux aktar l-ispejjeż fil-kawża u "anki b'rispett lejn l-attriċi appellanti li tant sofriet tbatija u

dan minkejja l-kura u l-interess assidwu li kien wera l-appellat Dottor Mario Tabone fil-konfront tagħha";

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi din hija azzjoni ta' danni dwar responsabbiltà professjonali minħabba intervent mediku fuq pazjenta. L-appellat kien opera lill-attriċi appellanti f'għajnha x-xellugija biex ineħħilha l-katarretti, imma wara ftit jiem ħasset uġigħ fiha u ddaħħlet l-isptar fejn, minkejja t-trattament mogħti, tilfet id-dawl minnha. L-appellanti jqisu li l-appellat naqas milli juri l-ħila u l-attenzjoni meħtieġa li titlob il-professjoni tiegħu ta' kirurgu oftalmiku u jridu l-kundanna tiegħu għal dak li ġaralha u l-ħlas ta' kumpens;

9. Illi l-appellat dejjem ċaħad li ħadem b'mod negliġenti fuq l-appellata u seħaq li huwa taha l-aħjar servizz professjonali, meqjusa l-kundizzjoni mwiegħra li l-appellata kellha fil-vista sa minn bosta żmien qabel l-intervent u minkejja r-riskji li fil-qagħda tagħha dak l-intervent kien iġib miegħu. Huwa żied

ukoll li dak li ġara lill-appellata wara l-intervent ma kienx l-effett ta' dak li għamel fuqha, iżda kien frott ta' ċirkostanzi oħrajn f'saħħitha lil hinn mill-intervent;

10. Illi, l-ewwel Qorti, wara li rat l-atti, qagħdet fuq il-fehma mogħtija mill-periti ġudizzjarji minnha maħtura u sabet li l-appellat ma kienx naqas milli jimxi bil-ħila u l-għaqal mitluba mill-professjoni tiegħu u b'hekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi appellanti;

11. Illi l-appellanti ma jikkontestawx il-fatt li l-intimata appellata Josephine Tabone nħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tagħhom. L-appellat ma ressaq l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu – jiġifieri dik li trid li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni. Fis-sewwa, l-appellanti jikkontestaw ir-raġunament li wassal lill-ewwel Qorti tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-appellati, imma billi l-ewwel Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni ma ressqux aggravju minn dik il-parti tas-sentenza, ladarba appell jista' jsir mill-parti deċiżorja ta' sentenza u mhux mill-parti deliberattiva tagħha. Għaldaqstant, l-imsemmija żewġ episodji tas-sentenza appellata issa saru ġudikat għall-partijiet;

12. Illi l-appellanti jressqu **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata fl-appell tagħhom. L-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti wettqet eżami żbaljat tar-rapport ġuridiku li kien jeżisti bejn l-appellanti u l-

appellat. Huma jisħqu li l-ewwel Qorti qieset li l-bażi tal-azzjoni attriċi kienet waħda msejsa fuq il-ħtija akwiljana jew il-kważi-delitt, filwaqt li l-azzjoni attriċi kienet mibnija fuq l-inadempiment kuntrattwali min-naħa tal-appellat. Dan l-aggravju jorbtuh mal-insistenza tagħhom li l-appellat kien iggarantixxa lill-appellanti s-suċċess tal-intervent li kellu jagħmlilha fis-sens li, jekk ma jkollhiex fejqan għalkollox mill-kundizzjoni li kellha f'għajnha x-xellugija, tal-anqas kien ikollha titjib fil-vista minn dik l-għajn. Jilmintaw li l-ewwel Qorti naqset li tqis jekk kemm-il darba l-appellat naqasx milli jżomm dik il-wegħda. Jgħidu li l-appellat naqas ukoll meta ma għarrafx lill-appellanti bir-riskji li kien hemm fl-intervent li kien ħajjarha tagħmel. It-tieni aggravju huwa fis-sens li l-appellat waqqa' r-responsabbiltà fuqu nnifsu meta, wara li l-appellanti reġgħet iddaħħlet l-isptar minħabba l-infezzjoni li kellha, qabad u issomministralha titqib sub-konġuntivali minkejja li hu ma kienx jaħdem l-isptar u minkejja li l-appellanti ma baqgħetx taħt il-kura tiegħu imma ta' professur ieħor;

13. Illi l-appellat iwarrab dawn l-aggravji u jisħaq li huwa wettaq bl-akbar premura l-prestazzjonijiet tiegħu bl-aħjar mod li titlob il-ħila professjonali tal-qasam tiegħu u li ta lil-appellanti l-akbar attenzjoni kemm qabel u kif ukoll wara l-intervent. Huwa jgħid li l-mod għaqli li bih mexa kien magħruf mill-periti ġudizzjarji maħtura mill-ewwel Qorti u rifless ukoll fis-sentenza appellata. L-appellat jgħid li, bl-aggravji tagħhom, l-appellanti qegħdin jippruvaw jibdlu l-parametri tal-azzjoni tagħhom minn waħda ta' ħtija akwiljana għal waħda ta' inadempiment kuntrattwali;

14. Illi fl-**ewwel aggravju** l-appellanti jisħqu li l-ewwel Qorti naqset li tqis sewwa n-natura tal-azzjoni tagħhom u jgħidu li dik il-Qorti ħaddmet b'mod astratt u ġenerali prinċipji dwar il-kważi-delitt bla ma wettqet eżami tar-relazzjoni speċjali bejn il-kontendenti. Jgħidu li, b'riħet hekk, dik il-Qorti wżat kejl ta' responsabbiltà ogħla minn dak li messu tqies, u b'hekk ħelset lill-appellat minn ħtija li kellu jwieġeb għaliha. L-appellanti jgħidu li kieku l-ewwel Qorti żammet quddiem għajnejha l-aspett kuntrattwali tar-relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi appellanti bħala pazjenta u l-intimat appellat bħala kirurgu, kien ikollha ssib favur l-attriċi, u dan l-aktar minħabba l-garanziji li l-appellat jgħidu li kien taha qabel l-intervent li l-operazzjoni kienet se tħalliha f'qagħda aħjar milli kienet qabel l-intervent. Biex isaħħu l-aggravju tagħhom, l-appellanti jsemmu ġurisprudenza u sentenzi tal-Qrati kemm Maltin u kif ukoll barranin;

15. Illi dwar dan l-aggravju, l-appellat jisħaq li l-azzjoni attriċi oriġinali kienet waħda mibnija b'mod ċar fuq il-kawżali tad-danni akwiljani u kien biss wara li l-periti ġudizzjarji ħarġu bir-rapport tagħhom li l-atturi appellanti bidlu r-rotta u bdew jisħqu fuq nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet kuntrattwali bejn l-appellanti u l-appellat. Minbarra dan, huwa jżid jgħid li minn mindu l-appellanti kienet ikkonsultat miegħu l-ewwel darba (f'xi żmien fl-1984) sa ma reġgħet irrikorriet għandu għall-intervent mertu tal-każ kienu għaddew madwar għaxar (10) snin li ma kienx reġa' raha quddiemu professjonalment. Meta reġgħet marret, jgħid li kien uriha li l-intervent kien fih ċerti perikli u li d-deċiżjoni iebsa kellha tittieħed

minnha, billi l-qagħda tagħha matul iż-żmien kienet kompliet tgħarrqet. Huwa jiċħad ukoll li kien iggarantielha li l-intervent kien sejjer jirnexxi żgur;

16. Illi din il-Qorti tibda biex tgħid li n-natura ta' azzjoni hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża. Qari xieraq tal-Att taċ-Ċitazzjoni – b'mod partikolari tat-tieni premessa – ma jħalli l-ebda dubju li l-atturi appellanti sejsu l-azzjoni tagħhom fuq il-bażi tal-ħtija extra-kuntrattwali jew akwiljana. Il-ftit premessi li jinsabu f'dak l-att huma segwiti mit-talbiet tipiċi li wieħed isib f'kawżi ta' danni *ex delictu*. Imkien ma jissemma rapport kuntrattwali u wisq anqas xiljiet ta' inadempiment kuntrattwali. Hija ħaġa ċerta wkoll li, fiż-żmien li nfetħet din il-kawża, l-kwestjoni tar-relazzjoni bejn pazjent u tabib ma kinitx għadha tqieset f'dawl ieħor minn dak tal-ħtija akwiljana u għalhekk ma jistax jingħad li l-atturi kienu qegħdin imexxu din l-azzjoni fuq il-kawżali tal-inadempiment kontrattwali. Il-każistika u s-sentenzi li jsemmu b'sostenn tal-aggravju tagħhom ħarġet bosta snin wara li l-kawża kienet infetħet;

17. Illi, madankollu, huwa llum aċċettat li mhuwiex eskluż li, saħansitra minn qafas ta' inadempiment kuntrattwali, tista' titnissel ukoll il-ħtija akwiljana;

18. Illi l-Qorti tagħraf li, matul is-snin, il-kwestjoni ta' rimedju għal ħsara minħabba jew b'konsegwenza ta' interventi mediċi jew kirurġiċi li ma jirnexxux

kienet titqiegħed fil-keffa tar-responsabbiltà tal-kważi delitt[1]. Aktar 'il quddiem[2] (f'kawżi li lkoll infetħu bħala azzjonijiet ta' danni għal ħtija akwiljana u b'talbiet tipiċi ta' azzjoni bħal dik, bħalma huma t-talbiet fil-kawża tallum), u f'rabta ma' żviluppi ġurisprudenzjali li kienu seħħew f'sistemi legali oħrajn, il-kwestjoni bdiet titqies ukoll mill-aspett tan-natura tar-rabta bejn il-pazjent u t-tabib kuranti, u minn hemm 'il quddiem dawn iċ-ċirkostanzi bdew jitqiesu wkoll mill-aspett tal-inadempiment kuntrattwali u sewwasew tal-grad ta' għaqal tal-missier tajjeb tal-familja[3]. Dan ifisser li t-tabib mhuwiex passibbli għad-danni jekk kemm-il darba ma jintweriex li n-nuqqas imwettaq kien wieħed grossolan[4];

19. Illi fil-qasam mediku dan l-għaqal jitkejjel fuq l-attenzjoni li jrid juri professjonista meqjus u attent li jagħti s-servizz tiegħu b'attenzjoni skrupluża, tħejjija professjonali xierqa u l-għarfien tal-aħjar teknika aġġornata fir-rigward. F'kull każ, dan il-kejl huwa wieħed oġġettiv u, kif qalet din il-Qorti f'okkażjoni oħra, "*il-Qorti li tiġi mitluba tiġġudika fuq għemil ta' professjonist m'għandhiex tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha fuq dak indikat mill-prattika tal-mediċina. Dak li hu mistenni minn kirurgu hu li jikkonforma ruħu ma' dak li jrid il-'general medical practice' u mhux ma' dak li l-Qorti jidhrilha li għandu jsir*"[5];

---

[1] Ara, b'eżempji, App. Ċiv. **2.4.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.55**) u P.A. **18.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Fiorini*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.iii.103**)
[2] Ara, b'eżempji, App. Ċiv. **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Gauċi et vs Donald Felice et*** u P.A. LFS **25.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Sue Rossi vs Dr Josie Muscat noe et*** (mhix appellata)
[3] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[4] P.A. LFS **27.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cachia et vs Dr Tancred Busuttil et*** (mhix appellata)
[5] App. Ċiv. **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Gauċi et vs Donalf Felice et***

20. Illi jidher ukoll li l-għamla ta’ rabta li titnissel bejn tabib u l-pazjent tiegħu hija fin-natura ta’ obbligazzjoni ‘*di fare di mezzi*’[6] u jiġifieri waħda fejn it-tabib irid iwettaq prestazzjoni, fejn, madankollu, r-riżultat mhuwiex tabilfors wieħed fejn l-intervent tiegħu jwassal għar-riżultat mistenni[7]. Hawnhekk, jidħol l-aspett tal-ħila tat-tabib li jkun u l-għaqal li ntuża biex dik il-ħila twassal għar-riżultat mixtieq, fil-qafas tal-viċissitudnijiet u l-imprevisti li l-kura medika jew l-intervent kirurġiku, trid u ma tridx, iġibu magħhom;

21. Illi, f’kull każ, huwa stabbilit li biex tabib jitqies li jaħti ta’ negliġenza, jeħtieġ jintwera (minn min jallegaha) kemm (i) li t-tabib ikun ħati ta’ nuqqas li ebda tabib jew speċjalista ieħor ikun jaħti għalih li kieku mexa b’għaqal ordinarju u kif ukoll (ii) li dak li jkun għamel it-tabib konċernat ma kien jagħmlu l-ebda tabib jew speċjalista ieħor fil-kors normali tat-twettiq tal-professjoni tiegħu. Għal din il-Qorti, dan ifisser li, filwaqt li l-grad ta’ responsabbiltà ta’ tabib mill-ottika tar-rabta kuntrattwali mal-pazjent tista’ titqies anqas ogħla milli kieku r-rabta kienet imsejsa fuq il-ħtija akwiljana, il-piż tal-prova li taqa’ fuq min jixli tabib b’imġiba mhux ta’ fejda jew irresponsabbli hija aktar għolja[8];

22. Illi l-Qorti fliet b’reqqa s-sentenza appellata, ir-riżultanzi peritali u x-xhieda rilevanti u ssib li l-appellanti seħħilhom juru (għaliex fuqhom kien jaqa’ l-piż li jagħmlu dan) li l-appellat mexa b’mod traskurat fit-twettiq tal-ħila

---

[6] App. Ċiv. **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Tessie Ellul et vs Dr Astrid Camilleri***
[7] P.A. MCH **9.7.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Venerie Falzon vs Marcello Stella*** (mhix appellata)
[8] P.A. MCH **30.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Micallef vs Dr. Ivan Vella et noe*** (mhix appellata) u li wkoll kien każ li jirrigwarda trattament b’intervent fuq għajn

professjonali tiegħu jew li ħa riskji li ma kellux jieħu bi ħsara għall-appellanti. B'mod partikolari, tirreferi għall-insistenza li l-appellanti jagħmlu għall-garanzija ta' suċċess li l-appellat jgħidu li kien wiegħed qabel ma opera lill-attriċi. Ukoll kieku wieħed kellu jaċċetta li l-kawża kienet imfassla fuq l-inadempiment kuntrattwali, dan ma kienx ifisser li l-appellat kien marbut b'xi garanzija ta' suċċess bħalma bejjiegħ jew appaltatur jintrabtu b'garanzija ta' kemm hu tajjeb il-prodott mibjugħ jew tas-sengħa u l-ħila tax-xogħol appaltat. Fit-tieni lok, ukoll kieku wieħed kellu jħaddem il-kriterji kuntrattwali dwar il-grad ta' għaqal, ħila u diliġenza mistenni mill-appellat fl-għamla ta' intervent li wettaq fuq l-appellanti, l-atti tal-kawża juru li dan il-grad intlaħaq u tħares mhux biss qabel ma sar l-intervent, imma wkoll waqt u wara dak l-intervent. Fit-tielet lok, iċ-ċirkostanzi fattwali tal-qagħda medika tal-attriċi appellanti sa minn qabel ma beda jaraha l-appellat[9], għandha turi li ċ-ċirkostanzi li fihom sar l-intervent mertu tal-każ kienu juru li l-qagħda tal-attriċi appellanti kienet waħda diġà misjura, jekk mhux ukoll prekarja;

23. Illi dwar l-argument tal-appellanti li l-appellat kien wegħedha u saħansitra iggarantielha li l-intervent fuq l-għajn kien se' jirnexxi, il-Qorti qieset sewwa x'joħroġ mill-atti tal-kawża. Ma qagħditx biss fuq il-fatt li l-appellat, sa mill-bidu, baqa' jisħaq li lill-attriċi ma taha qatt garanzija bħal dik: imxiet fuq ix-xhieda li ħarġu u, bħall-ewwel Qorti qabilha, sabet li dik il-"garanzija" tirriżulta minn xhieda li ma kinux preżenti meta dak il-kliem suppost li ngħad. Minbarra dan,

[9] Ara § 4 tas-sentenza appellata għall-ġabra kronoloġika ta' dawn il-ġrajja

minn atti l-oħra tal-kawża joħroġ ċar li l-qagħda mwiegħra li fiha kienet tinsab il-vista tal-appellanti fiż-żmien li sarilha l-intervent, kienet imfissra sewwa mill-appellat u li kien ħalliha f'idejha li tiddeċiedi jekk riditx li l-intervent isir jew le. Il-fatt li l-appellat kien ilu żmien juri li t-tneħħija tal-kataretti mill-għajn ix-xellugija kienet is-soluzzjoni li huwa kien jara għat-titjib fil-vista tal-attriċi, ma jfissirx li b'daqshekk l-appellat kien qiegħed jiggarantixxi li jekk isir dak l-intervent kien se jirnexxi żgur. Hawnhekk ukoll din il-Qorti tara li l-appellat ħares dmir ieħor li jitfa' dawl fuq kif wettaq ir-responsabbiltà, u jiġifieri li huwa ta lill-pazjenta tagħrif biex bih kienet f'qagħda li tifforma kunsens dwar jekk riditx li l-intervent isir jew ma jsirx u r-riskji li kien hemm f'intervent bħal dan fil-qagħda li fiha hija kienet tinsab. L-għoti ta' tagħrif xieraq huwa kejl magħruf li bih il-professjonist juri l-għaqal tiegħu fit-twettiq tal-ħila professjonali tiegħu[10];

24. Illi, b'żieda ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li dak li laqat lill-attriċi appellata ftit jiem wara l-intervent (l-infezzjoni fl-għajn li fiha sar l-intervent) ma kienx ir-riżultat ta' dak li għamel l-appellat fl-imsemmi intervent, imma ċirkustanzi indipendenti li kienet tbati minnhom l-appellanti sa minn qabel ma sarilha l-intervent u li aggravaw il-proċess ta' fejqan li kienet teħtieġ wara l-intervent. Mill-kostatazzjonijiet peritali, ħareġ li l-infezzjoni – teknikament magħrufa bħala "*endophthalmitis*" – hija kumplikazzjoni ta' operazzjoni intra-okulari li tista' tiġri lil hinn mis-suċċess jew le tal-intervent li jkun sar. Kliem l-espert mediku Dottor Franco Merċieca dwar din il-kumplikazzjoni – "*hija l-aktar*

---

[10] App. Ċiv. **1.12.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Vanessa Sammut vs Dentist Charles Fenech***

*kumplikazzjoni li aħna l-Kirurġi tal-għajnejn nibżgħu minnha u nħossuna kompletament bla saħħa fil-konfront tal-istess għax m'għandna l-ebda kontroll fir-rigward*"[11] – jitfa' dawl ċar u bla tidwir dwar l-aspett aċċidentali li jirrigwarda infezzjoni post-operatorja bħal dik;

25. Illi f'każijiet bħal dawn, il-kwestjoni tal-ħtija għall-inadempiment fil-qafas kuntrattwali wkoll tintlaqat b'mod sostanzjali. Dan jingħad għaliex il-liġi teħles minn kull rabta ta' responsabbiltà (u għalhekk ukoll minn kull obbligu għad-danni) lil dak il-kontraent fejn l-inadempiment li tallega l-parti kontraenti l-oħra jkun il-frott ta' forza maġġuri jew aċċident[12]. Minħabba f'hekk, tinqata' r-rabta tal-kawżalità bejn l-għemil u l-effetti li jirriżultaw b'konsegwenza tiegħu;

26. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq u mhix sejra tilqgħu;

27. Illi bit-**tieni aggravju** tagħhom l-appellanti jgħidu li l-indħil tal-appellat bit-titqib fil-għajn li huwa ta lill-attriċi wara li reġgħet iddaħħlet l-isptar, ġabilha ħsara li jrid jagħmel tajjeb għaliha. B'mod partikolari, huma jisħqu li l-appellat ma kellu l-ebda jedd jintervjeni aktar fuq l-attriċi ladarba hija kienet fl-isptar taħt il-kura ta' ħaddieħor u ladarba ma ntalabx jikkuraha aktar. B'dan il-mod, iżidu jgħidu l-appellanti, l-appellat wera kemm kien iħoss ħtija fuq il-falliment tal-

[11] Xhieda tiegħu in eskussjoni f'paġ. 359 tal-proċess
[12] Art. 1134 tal-Kap 16

intervent li huwa wettaq fuq l-għajn tal-appellanti u li b'dan l-indħil kixef idejh billi ipprova jirranġa dak li qabel kien wettaq b'mod ħażin;

28. Illi għal dan l-aggravju l-appellat jirribatti billi jgħid li lill-attriċi kien baqa' interessat fil-qagħda tagħha wkoll wara l-intervent u kien intalab minnha stess li jara għaliex kienet baqgħet tħoss uġigħ fil-għajn li kien intervjena fuqha. Jisħaq li huwa kien motivat mis-sens ta' responsabbiltà professjonali li kellu lejha u jiċħad bl-akbar qawwa li huwa ndaħal biex jgħatti xturu jew għaliex kellu xi faħam miblul dwar l-intervent li kien għamlilha ftit jiem qabel;

29. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li ċ-ċirkostanzi li l-appellanti jsemmu f'dan l-aggravju qajmuhom l-ewwel darba fl-istadju ta' dan l-appell. Meta ressqu xi sottomissjonijiet miktuba[13] (qabel ma l-periti ġudizzjarji għaddew biex ressqu r-rapport tagħhom), din il-ħaġa lanqas biss aċċennaw għaliha. L-istess jista' jingħad sakemm ingħatat is-sentenza appellata. Minkejja li l-ewwel Qorti tathom żmien biżżejjed biex iressqu sottomissjonijiet qabel tgħaddi għas-sentenza, naqsu li jagħmlu dan ukoll, u għalhekk anqas u anqas kellhom għaliex jilmintaw li l-ewwel Qorti ma qisitx din ix-xilja tagħhom meta ġiet biex tara jekk l-appellat kienx jaħti jew le;

30. Illi, min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-attenzjoni professjonali li l-appellat baqa' jagħti lill-attriċi appellanti wara l-intervent li għamel fuqha f'Mejju tal-1994, ma

[13] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 176 – 8 tal-proċess

kinitx biss limitata għat-titqib fl-għajn li huwa taha waqt li reġgħet iddaħħlet l-isptar. Jirriżulta li, wara l-intervent, kien intalab imur jaraha fid-dar tagħha u li dawn iż-żjajjar baqgħu jsiru saħansitra wara li l-appellanti reġgħet lura f'darha wara littieħdet l-isptar. Din iċ-ċirkostanza timmilita ħafna kontra l-aggravju safejn qiegħed jingħad li l-appellat baqa' jindaħal fejn ma jesgħux. Wieħed jistenna li, meta persuna tibgħat għal tabib f'darha, dan isir għax hekk tkun trid u mhux għaliex it-tabib ikun ġegħelha tagħmel dan kontra r-rieda tagħha. Mill-atti tal-kawża, mbagħad, joħroġ li ma kien minnu xejn li l-appellat qabad u ndaħal fuq il-kura li kien qiegħed jagħti ħaddieħor u li wettaq interventi oħra li l-attriċi appellanti ma riditx jew ma kinitx taf li qegħdin isirulha. Mill-istess provi ħareġ li l-ispeċjalista li jmexxi s-sala tal-isptar fejn kienet rikoverata – Alfred Caruana Galizia – kien approva l-intervent tal-appellat u li lill-pazjenta tiegħu kien żammha aġġornata b'dak li seta' jsir. Meta l-appellat talab li l-attriċi tittieħed fis-sala oftalmika, dan sar b'konsultazzjoni tal-ispeċjalista ta' dik is-sala wkoll. Ta' min jerġa' jgħid li fl-isptar, l-attriċi appellanti kienet iddaħħlet minħabba fl-uġigħ li ħasset f'sidirha u mhux minħabba l-effetti tal-intervent li l-appellat kien għamel fl-għajn;

31. Illi l-Qorti, għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-appellanti, tara f'din l-imġiba tal-appellat l-interess professjonali li huwa kellu u li baqa' jieħu biex jara li l-appellanti jsirilha kulma seta' jsir biex isalvalha l-vista, minflok ħasel idejh minnha u waħħal fiċ-ċirkostanzi fortuwiti li ssemmew qabel;

32. Illi l-Qorti tqis ukoll li dawn it-tentattivi tal-appellat li jtaqqab lill-attriċi appellanti fl-għajn operata seħħew meta l-qagħda kienet diġà ħadet xejra għall-agħar u jridu jitqiesu bħala tentattivi *in extremis* maħsuba li jippruvaw isalvaw dak li seta' jkun salvabbli. Meqjusa b'dan il-mod, ma jistax jingħad li tali interventi jikkostitwixxu xi għemil traskurat jew saħansitra negliġenti li jistħoqqlu s-sanzjoni tal-kundanna. Il-Qorti tifhem ukoll li dak li ġarrbet l-attriċi appellanti kien wisq trawmatiku għaliha għaliex spiċċat tilfet id-dawl, imma din is-sogħba ma tistax tissarraf f'kundanna għal xi ħtija fuq l-appellat fejn tali ħtija ma teżistix;

33. Illi għalhekk ukoll lanqas dan it-tieni aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

***Decide***

34. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-istess appell** u tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti, filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur

mb